


# Il-Patt tas-Sindki

# għall-Klima & l-Enerġija

## Moviment uniku axxendenti

Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija jlaqqa' flimkien awtoritajiet lokali u reġjonali kommessi, voluntarjament, biex jimplimentaw l-għanijiet tal-klima u l-enerġija tal-UE fit-territorju tagħhom.

Dan **il-moviment uniku axxendenti,** li beda fl-2008 bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, issa jgħodd 'il fuq minn 6,500 firmatarji*

Fl-2015, l-inizjattiva fasslet għanijiet ġodda: il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija jkabbar l-impenn inizjali dwar tnaqqis fis-$CO_2$ u jinkludi adattament għat-tibdil fil-klima. Awtoritajiet lokali firmatarji jaqsmu l-viżjoni li jagħmlu lill-ibliet **bla karbonju u reżiljenti**, fejn iċ-ċittadini għandhom aċċess għal enerġija sigura, sostenibbli u rħisa.

Huma jikkommettu rwieħhom li jiżviluppaw Pjani ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Klima għall-2030 u biex jimplimentaw attivitajiet lokali dwar il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima.



*Il-Patt tas-Sindki hija "l-akbar inizjattiva urbana tal-klima u l-enerġija fid-dinja".*

**Miguel Arias Cañete**

*Kummissarju Ewropew għall-Azzjoni Klimatika u l-Enerġija*



© ritratt Nathalie Nizette

*Mexxejja tal-U u sindki japprovaw simbolikament il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija fil-Parlament Ewropew fl-2015.*

## Issieħeb mal-Patt!

Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija huwa miftuħ għall-awtoritajiet lokali kostitwiti demokratikament b'rappreżentanti eletti, hu x'inhu d-daqs tagħhom u hu x'inhu l-istadju ta' implimentazzjoni tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima. **Firmatarji li kkomettew rwieħhom preċedentament għall-miri tal-2020 u/jew għal Is-Sindki Jadattaw huma mistiedna li jerġgħu jiffirmaw għall-miri tal-2030.**

Awtoritajiet lokali żgħar u medji ġirien jistgħu wkoll, taħt ċerti kondizzjonijiet, jingħaqdu bħala grupp ta' firmatarji.

Awtoritajiet sotto-nazzjonali u nazzjonali kif ukoll organizzazzjonijiet mhux għall-profitt oħrajn jistgħu jappoġġaw lill-firmatarji billi jipprovdulhom b'riżorsi u tagħrif u jkunu rikonoxxuti bħala **Koordinaturi** jew **Partitarji** tal-Patt tas-Sindki.

* Il-firmatarji tal-Patt tas-Sindki f'Marzu 2016

## Għaliex tissieħeb?

- Għarfien u visibiltà internazzjonali kbira għall-azzjoni klimatika u l-enerġija tal-awtorità lokali tiegħek
- Opportunità li tikkontribwixxi għat-tfassal tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija
- Impenji kredibbli permezz ta' eżami u monitoraġġ tal-progress
- Opportunitajiet finanzjarji aħjar għall-proġetti lokali tiegħek dwar il-klima u l-enerġija
- Modi innovattivi kif tifforma netwerk, tiskambja esperjenzi u tibni l-ħiliet permezz ta' avvenimenti, ġemellaġġi u webinars jew diskussjonijiet onlajn
- Appoġġ prattiku (uffiċċju ta' informazzjoni), materjal ta' gwida u għodod
- Aċċess ta' malajr għal "tagħrif ta' eċċellenza" u każi ta' studju ta' ispirazzjoni
- Eżami tiegħek innifsek u skambju mal-isħab permezz ta' template ta' monitoraġġ u rrapportaġġ
- Qafas ta' referenza flessibbli għal azzjoni, adatt għal ħtiġijiet lokali
- Kooperazzjoni imtejba u appoġġ minn awtoritajiet nazzjonali u sotto nazzjonali



*"Għal Fonte Nuova, li tkun involut fil-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija hija opportunità li jkunu żviluppati pjani ta' azzjoni dwar tibdil fil-klima għall-ġestjoni sostenibbli u s-sigurtà futura tat-territorju tagħna."*

**Donatella Ibba, Deputat Sindku għall-Ambjent ta' Fonte Nuova, l-Italja**



*"Il-Patt tas-Sindki jgħin lil Ghent isir belt intelliġenti u sostenibbli. Huwa joffri għajnuna għall-approċċ trans-settorjali lejn belt newtrali fil-klima, b'ċittadini responsabbli u ekonomija favur l-ambjent."*

**Daniël Termont, Sindku ta' Ghent, il-Belġju**



*"Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija hija opportunità biex immexxu 'il quddiem il-proġetti tal-grilji intelliġenti tagħna, li jippermettulna ffrankar fil-konsum tal-enerġija u jgħinu fi djaloġu mal-komunitajiet lokali "*

**Bojan Sever, Burgemeester van Idrija, Slovenië**

# Pass pass mal-Patt tas-Sindki




Il-firmatarji jissottomettu Pjan ta' Azzjoni dwar Enerġija Sostenibbli u l-Klima SECAP) – li jkopri kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament – fi żmien sentejn wara l-iffirmar formali. Is-SECAP hija bbażata fuq l-Inventarju Bazi tal-Emissjonijiet u Evalwazzjoni tar-Riskji u l-Vulnerabbiltà mill-Klima. Il-firmatarji jirrapportaw progress kull sentejn.

# Il-viżjoni u l-impenji tal-firmatarji

**MITIGAZZJONI**

Aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-territorji tagħna

**ADATTAMENT**

Tisħiħ tal-kapaċità tagħna li nadattaw għall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima

**ENERĠIJA SIGURA, SOSTENIBBLI & RĦISA**

Żieda fl-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' enerġija rinnovabbli

## Ħidma lejn viżjoni komuni għal 2050

## Implimentazzjoni u anke lil hinn mill-miri dwar il-klima u l-enerġija tal-UE 2030

- Tnaqqis ta' mill-anqas **40%** tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ (u possibilment gassijiet serra oħrajn) sal-2030 permezz ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u użu akbar ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija.
- **Reżiljenza** mtejba għall-impatt tat-tibdil fil-klima
- Kooperazzjoni akbar ma' awtoritajiet lokali u reġjonali sħab fl-UE u lil hinn minnha biex jitjieb **l-aċċess għal enerġija sigura, sostenibbli u rħisa**

## Offerta liċ-ċittadini ta' kwalità għolja ta' ħajja fi bliet sostenibbli, reżiljenti għall-klima u vibranti.



## Kif tissieħeb?

Is-sħubija mal-Patt tas-Sindki tirrikjedi impenn politiku formali.

Il-formola tal-adeżjoni teħtieġ li tkun iffirmata mis-Sindku jew rappreżentant ekwivalenti tal-kunsill muniċipali.

Aktar informazzjoni:
www.eumayors.eu > Parteċipazzjoni



## L-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki

L-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki huwa responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-inizjattiva. Huwa kompost min-netwerks ta' awtoritajiet lokali u reġjonali – Energy Cities, Climate Alliance,EUROCITIES u FEDERENE, li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ECOFYS, Fresh Toughts u IFOK.

## Aktar informazzjoni

L-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki
63-67 rue d'Arlon
1060 Brussell
Il-Belġju
**Tel:** +32 2 400 10 67
**E-mail:** info@eumayors.eu
**Twitter:** @eumayors

*Data tal-fuljett: April 2016 - © ritratti Nathalie Nizette*

**www.eumayors.eu**

Ko-finanzjat mill-Intelligent Energy Europe u l-Programmi LIFE+ tal-Unjoni Ewropea

**Patt tas-Sindki**
għall-Klima u l-Enerġija